# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 2**

**Rikors numru 737/12AF**

**Joseph Avellino**

**v.**

**Citadel Insurance plc (C21550)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur ta' l-attur Joseph Avellino, pprezentat fil-25 ta' Lulju, 2012, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi l-esponent kien impjegat mas-socjetà intimata bhala Chief Executive Officer b'kuntratt ta' impjieg ghal zmien definit (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A'), liema kuntratt, datat id-29 t'April, 2010, kien ghall-perjodu ta' erba (4) snin.
>
> "2. Illi permezz ta' ittra datata 19 t'Ottubru, 2011 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala dok. 'B') is-socjetà intimata tterminat l-impjieg tal-

esponent, liema terminazzjoni dahlet fi-sehh b'effett mill-31 t'Ottubru, 2011.

"3. Illi skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjetà intimata ghandha thallas lir-rikorrent nofs is-salarju kollu li kien imiss lilu ghall-bqija taz-zmien tal-impjieg tieghu espressament miftiehem fil-kuntratt ta' impjieg tad-29 t'April, 2010 (Dok. 'A' hawn anness).

"4. Illi nofs is-salarju li kien imiss lill-esponent ghall-bqija taz-zmien tal-impjieg tieghu mas-socjetà intimata espressament miftiehem fil-kuntratt ta' impjieg tad-29 t'April, 2010 jammonta ghas-somma globali ta' mija u disat elef, seba' mija u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€109,760.85).

"5. Illi l-esponent interpella lis-socjetà intimata sabiex thallsu dan l-ammont kemm permezz ta' ittra bonarja datata 7 ta' Dicembru, 2011 kif ukoll permezz ta' ittra ufficcjali datat 12 ta' Lulju, 2012 (kopja hawn annessa bhala Dok. 'C') izda s-socjetà intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"(i) prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi s-socjetà intimata ghandha taghti lir-rikorrent is-somma ta' mija u disat elef, seba' mija u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€109,760.85) jew somma ohra verjuri rapprezentanti nofs is-salarju kollu li kien imiss lir-rikorrent ghall-bqija taz-zmien tal-impjieg tieghu mas-socjetà intimata espressament miftiehem fil-kuntratt ta' impjieg tad-29 t'April, 2010; u

"(ii) tikkundanna lis-socjetà intimata biex thallas lir-rikorrent is-somma ta' mija u disat elef, seba' mija u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€109,760.85) jew somma ohra verjuri.

"Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Lulju, 2012 u bl-imghax legali b'effett mill-31 t'Ottubru, 2011 sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjetà intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata Citadel Insurance plc, tat-30 ta' Awwissu, 2012, li permezz taghha eccepiet:

> "Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes, u dan ghas-segwenti ragunijiet:
>
> "1. Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni *ratione materie* ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu illi kwistjonijiet bhal dawn mressqa quddiem din il-Qorti huma vestiti esklussivament fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, kif jirrizulta kemm mill-Artiklu 75 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll minn skorta ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell.
>
> "2. Minghajr pregudizzju ghas-su-espost, illi fi kwalunkwe kaz, it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent Joseph Avellino saret ghal raguni xierqa u sufficcjenti fil-ligi u konsegwentement mhu intitolat ghall-ebda ammont kif minnu riklamat fir-rikors guramentat.
>
> "3. Salv risposta ulterjuri.
>
> "Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Gunju, 2014, li permezz taghha ddecidiet li tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` Citadel Insurance plc dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha *ratione materiae* u lliberatha mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez jithallsu mill-attur Joseph Avellino.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti qed jitlob hlas ta' nofs il-paga tieghu li kien jircievi kieku l-kuntratt al-impjieg tieghu mas-socjetà intimata baqa' ghaddej. L-insurance intimata ssostni li din il-Qorti m'ghandhiex tisma l-kawza ghaliex taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali.
>
> "Jirrizulta illi Joseph Avellino kien impjegat ma' Citadel Insurance ghall-perjodu ta' erba snin, dan permezz ta' kuntratt datat 29 ta' April 2010. Fid-19 ta' Ottubru 2011, Citadel itterminat l-impjieg b'effett mill-31 ta' Ottubru 2011.

"L-Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment illi:

*"(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*

*(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,*

*għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju meta ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra."*

"L-Artikolu 36(11) jipprovdi illi:

*"Prinċipal li jibgħat 'l barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem."*

"U l-Artikolu 36(14) jipprovdi illi:

*"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz."*

"Ikkunsidrat illi l-ligi f'dawn il-provvedimenti ma taghmel ebda distinzjoni bejn kuntratt ta' mpieg definit u wiehed indefinit.

"F'dan is-sens kienet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Nehls vs Sterling Travel & Tourism (23 ta' Frar 2005):

*"Markatament, l-Artikolu 36 jitratta kemm minn temm ta' kuntratti ta' servizz ghal zmien bla limitu kif ukoll minn dawk ghal zmien definit. Jipprovdi wkoll ghalhekk ghal kaz fejn principal jibghat il-barra (fit-test Ingliz "dismiss") lill-impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat. Qabel l-introduzzjoni ta' l-Att in diskussjoni materja bhal din kienet taqa' fl-isfera ta' gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji. Fl-istat attwali tal-ligi din il-gurisdizzjoni giet expressis konferita lit-Tribunal Industrijali u ghalhekk esorbitat ruhha mill-isfera ta' kompetenza tal-qrati biex ghaddiet lit-Tribunal specjali;*

"Il-Prim Awla fil-kawza Camilleri vs St. Paul's Court Limited et (25 ta' Settembru 2003) kienet ukoll irriteniet:

> *"Illi l-artikolu 75 tal-Kap 452 jghid b'mod car u kategoriku li, minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal ikollu l- gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-każijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan (ghajr minn proceduri dwar reat), u li r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jkun biss billi l-ilment tiegu jintbaghat lil dak it-Tribunal u mhux xort'ohra."*
>
> "Ir-rikorrenti isostni li huwa m'huwiex qed jitlob mill-Qorti dikjarazzjoni ta' tkeccija ngusta, izda qed jitlob biss hlas ta' paga li jsostni li hi dovuta lilu relattivament ghad-durata li kellu jdum l-impjieg. Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan m'ghandux ragun. L-ewwelnett huwa jippreciza fl-ewwel talba tieghu li dak li qed jitlob huwa "previa kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja." Fil-kuntest tat-talba tieghu din il-Qorti tqis li indagini dwar ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg hija essenzjali. Din il-Qorti ma tistax takkolji jew tichad it-talba ghar-rikorrenti ghall-hlas ta' paga minghajr ma jkun gie determinat jekk it-terminazzjoni kienitx gustifikata jew le. Ir-raguni jew nuqqas taghha ghat-terminazzjoni hija l-pern ta' kull dritt li jista' talvolta jkollu r-rikorrent ghall-hlas. Id-dritt ghall-hlas jiddependi essenzjalment mir-raguni ghat-terminazzjoni.
>
> "Fis-sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrenti jenfasizza illi t-talba tieghu f'din il-kawza hija ta' natura kuntrattwali u mhux industrijali. Huwa jsostni li qieghed jagixxi ghal "breach of contract". Din il-Qorti ma taqbilx. Ghalkemm tenfasizza li ligijiet specjali ghandhom dejjem ikollhom interpretazzjoni restrittiva, madankollu jibqa' l-fatt li kuntratt ta' mpjieg huwa kuntratt specjali regolat b'ligi specjali."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Avellino, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Gunju, 2014, u minflok tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta appellata u konsegwentement tordna li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu quddiem l-Ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kaz skond il-ligi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

Rat ir-risposta tas-socjeta` appellata Citadel Insurance plc, li permezz taghha filwaqt li ssostni li l-ewwel Qorti kienet korretta kemm fl-

interpretazzjoni, kif ukoll fl-applikabbilità tal-ligi, il-konkluzjoni taghha kienet korretta u kwindi timmerita konferma stante li ma kien hemm ebda applikazzjoni hazina tal-ligi, interpretazzjoni skorretta tal-ligi jew apprezzament hazin tal-provi prodotti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant Joseph Avellino.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju, 2019;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi l-kawza titratta t-talba tal-attur appellant ghall-hlas tas-somma ta' €109,760.85, jew somma verjuri, rapprezentanti nofs is-salarju li kien imissu ghall-bqija taz-zmien tal-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta appellata, skont il-kuntratt ta' l-impieg tad-29 ta' April, 2010, wara li gie terminat l-impieg li kellu mas-socjeta` konvenuta appellata fuq bazi ta' kuntratt ghal terminu ta' zmien fiss.

Is-socjeta` konvenuta appellata apparti li ressqet id-difiza taghha fuq il-mertu tal-kawza, ressqet ukoll bhala eccezzjoni preliminari li l-ewwel Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni *ratione materiae* li tisma' l-kawza, peress

li l-kwistjonijiet imressqa quddiemha huma vestiti esklussivament fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, kif jirrizulta kemm mill-Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minn skorta ta' sentenzi tal-Qrati.

L-ewwel Qorti laqghat l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellata permezz tas-sentenza taghha tal-10 ta' Gunju, 2014.

L-attur hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha. L-appell tal-attur jissejjes fuq l-ilment li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi fir-rigward tan-natura tat-talba tieghu u tal-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali, fl-ambitu tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), li wassluha sabiex b'mod zbaljat tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta appellata u tiddikjara ruhha nkompetenti li tiddeciedi t-talba tieghu.

Filwaqt li l-attur appellant jaghmel rassenja tal-fatti, isostni li r-regola generali tal-procedura civili hija li l-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali jaqghu fil-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili u dan sakemm ma jkunx provdut mod iehor b'ligi. Kwindi huwa b'mod eccezzjonali li l-ligi tvesti tribunali specjali b'gurisdizzjoni specjali f'materji specifici. Hekk fil-kaz tat-Tribunal Industrijali, l-ligi hadet mill-kompetenza civili generali

tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ghaddietha lit-Tribunal Industrijali. Il-ligi permezz tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452) elenkat ic-cirkostanzi u l-kwistjonijiet li jaqghu fil-kompetenza esklussiva ta' dan it-Tribunal specjali, b'deroga generali tal-Qorti Civili. Jaghmel referenza ghall-gurisprudenza li minnha jirrizulta li d-deroga mill-kompetenza generali tal-qrati ordinarji trid mhux biss tirrizulta mil-ligi, izda minhabba li hija eccezzjoni ghar-regola, ghandha tinghata wkoll tifsira ristretta. Din id-deroga trid tirrizulta b'mod car u inekwivoku mil-ligi u ma tistax issir b'analogija jew interpretazzjoni estensiva tal-ligi u f'kaz ta' dubju tipprevali l-gurisdizzjoni generali tal-Qrati Civili.

L-attur appellant filwaqt li jiccita l-Artikolu 75 tal-Kap.452, jishaq li minn qari akkurat ta' dan il-provvediment tal-ligi jirrizulta li t-Tribunal Industrijali nghata gurisdizzjoni esklussiva fil-kazijiet (a) fejn haddiem jallega li jkun tkecca b'mod ingust mill-principal jew (b) fejn jigi allegat li kien hemm xi ksur ta' xi dmir li jorigina minn xi haga li taqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht it-Titolu I tal-Kap. 452. Isostni li ghalhekk huwa car li l-ligi riedet taghti gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biss meta l-haddiem jallega li tkecca ngustament jew jallega xi ksur iehor li jaqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Jiccita sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Novembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Karmenu Vella v. General Workers' Union,** li meta stharrget dan il-provvediment tal-ligi kkonfermat li mhux kull kwistjoni li tqum taht

xi disposizzjoni fit-taqsimiet kollha tat-Titolu I tal-Kap. 452, jaqa’ taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Dan fil-fehma tal-attur appellant, ifisser li sabiex jigi determinat jekk it-talba tieghu taqax fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali, jehtieg li wiehed jara jekk it-talba attrici hix wahda msejsa fuq tkeccija ngusta jew jekk hux qieghed jallega li l-konvenuta appellata kisret xi dmir fil-konfront tieghu, li b’disposizzjoni espressa f’Titolu I tal-Kap. 452, taqa’ fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Inoltre` l-attur appellant jispjega li huwa mhux qieghed jippretendi li s-socjeta` appellata ma setghetx titterminalu l-kuntratt t’impieg tieghu jew li ma setghetx titterminahulu qabel jghaddi z-zmien miftiehem, izda hu jippretendi li ladarba s-socjeta` appellata tterminatlu l-impieg li kellu ghal zmien determinat, qabel l-iskadenza miftiehma, skatta l-obbligu li hija thallsu nofs il-paga li kien ikun intitolat ghaliha fil-bqija taz-zmien mahsub fil-kuntratt u dana skont l-Artikolu 36(11) tal-Kap.452. Huwa jishaq li kif jirrizulta car mir-rikors promotur, ma talabx dikjarazzjoni li s-socjeta` appellata ma kellhiex raguni tajba biex titterminalu l-kuntratt qabel iz-zmien, peress li jargumenta li kuntratt ghal terminu fiss seta’ jigi mitmum f’kull zmien, minghajr ma tinghata raguni u minghajr htiega li jkun hemm raguni tajba ghal dan. Jispjega li d-difiza li tinghata mis-socjeta` konvenuta appellata ma tbiddilx in-natura tal-azzjoni attrici kif impustata.

Jilmenta li l-ewwel Qorti argumentat li ma tistax tilqa' jew tichad it-talba tieghu minghajr ma tqis u tiddetermina d-difiza tas-socjeta` appellata li t-terminazzjoni kienet gustifikata, biex tehles mill-obbligu taghha tal-hlas favur tieghu, li awtomatikament tezawtoraha milli tisma' u tiddeciedi t-talba tieghu. Jikkritika d-decizjoni tal-ewwel Qorti sa fejn wriet il-fehma li kull kwistjoni li tirrigwarda allegazzjoni ta' terminazzjoni gusta jew ingusta, kemm jekk issir mill-impjegat, kif ukoll jekk issir mill-principal, kemm jekk tinghata fl-ambitu ta' kuntratt ghal terminu ta' zmien definit jew indefinit, tkun xi tkun taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Kwindi jinsisti li dan il-kaz mhux wiehed fejn qieghed jallega tkeccija ngusta sabiex jitlob li jinghata lura l-impieg li kellu, izda huwa accetta t-terminazzjoni u ppretenda l-hlas li ghandu dritt ghalih skont l-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452. Il-ligi mkien ma tghid li talba ghall-hlas dovut skont l-Artikolu 36(11) taqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali u allura jargumenta li fin-nuqqas ta' disposizzjoni cara, kwistjoni bhal din taqa' awtomatikament fil-gurisdizzjoni generali tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Min-naha l-ohra, l-ligi tipprovdi li t-Tribunal Industrijali jkollu gurisdizzjoni esklussiva f'kaz ta' tkeccija ngusta fejn ikun hemm impieg ghal zmien indefinit.

Filwaqt li l-attur appellant jaghmel referenza ghas-sentenza citata mill-ewwel Qorti tat-23 ta' Frar, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Rita Nehls v. Sterling Travel and Tourism Limited** (Appell Inferjuri), jispjega li huwa ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija minn dik il-Qorti, peress li l-Kap. 452, imkien ma jvesti lit-Tribunal Industrijali bil-gurisdizzjoni esklussiva ghal kull kwistjoni li tinqala' taht l-Artikolu 36 tal-Kap. 452, imma biss f'dawk il-kazijiet fejn l-impjegat jallega li huwa jkun tkecca ngustament. Kull kwistjoni ohra li tista' tinqala' li tista' tinvolvi l-applikazzjoni tal-Artikolu 36 tal-Kap. 452, fejn l-impjegat ma jallegax li tkecca ngustament, baqghet taqa' fil-limiti tal-gurisdizzjoni generali tal-Qorti Civili.

Permezz tar-risposta taghha, s-socjeta` konvenuta appellata filwaqt li tishaq fuq:

(a) in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji f'dawk il-kazijiet ta' allegat tkeccija ngusta, peress li jaqghu fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali;

(b) li permezz tat-talba attrici fejn jinghad "*prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja*", fin-natura ntrinsika taghha qeghda titlob dikjarazzjoni ta' terminazzjoni ta' kuntratt fiss tax-xoghol li ma sarx ghal raguni tajba bizzejjed;

(c) li sabiex tasal ghal dan, din il-Qorti jkollha ghalhekk tasal sabiex tezamina ukoll tali raguni jekk hix tajba u bizzejjed; u

(d) li jekk tigi michuda l-ewwel eccezzjoni mressqa, suggett tal-proceduri odjerni, dan ifisser li l-Qorti jkollha bilfors tissindika t-tieni eccezzjoni taghha, jigifieri taghmel ezami ta' jekk il-kuntratt tal-attur appellant intemmx ghal raguni xierqa u sufficjenti, raguni tajba u bizzejjed.

Ghalhekk is-socjeta` konvenuta appellata tinsisti li l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet l-ewwel eccezzjoni taghha u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kaz.

Jibda billi jigi osservat li, l-kuntratt ta' xoghol in kwistjoni huwa wiehed ghal terminu ta' zmien fiss. Filwaqt li l-attur appellant isejjes l-azzjoni tieghu fuq Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 u jargumenta li t-terminazzjoni tal-impjieg b'terminu ta' ngagg fiss, iwassal ghall-obbligu tas-socjeta` appellata li taghmel il-hlas kontemplat fl-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452; min-naha taghha s-socjeta` konvenuta appellata tinsisti li dan l-obbligu ma jibqax fis-sehh jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed ghat-tkeccija (Artikolu 36(14)). Kwindi ladarba sabiex tigi nvestita t-talba tal-attur appellant, is-socjeta` konvenuta appellata tishaq li jehtieg isir stharrig dwar jekk it-tkeccija kenitx wahda gusta jew le, meta dan, issostni huwa mertu li jispetta lit-Tribunal Industrijali li jinvesti, peress li ghandu l-kompetenza esklussiva f'dan il-qasam u dan a tenur tal-Artikolu 75 tal-Kap.452.

It-terminazzjoni ta' mpjieg qabel il-waqt ta' kuntratt fiss hu regolat mill-artikolu 36 tal-Kap 452, li fis-subartikoli (11) u (14) jipprovdu hekk:

> "*(11) Prinċipal li jibgħat 'l barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz,* ***ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem****.*
>
> *…*
>
> *(14) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal,* ***mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12)*** *jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz:"*

Min-naha l-ohra l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta appellata tissejjes fuq l-Artikolu 75 tal-Kap. 452 li jipprovdi:

> *"(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –*
>
> *(a)* ***il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta****; u*
>
> *(b) il-każijiet kollha li* ***jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu****,*
>
> > *"għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju meta ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra."*

Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-socjeta` konvenuta appellata, in kwantu ghalkemm hija torbot l-azzjoni attrici mal-esklussività tal-kompetenza tat-Tribunal Industrijali li jisma' kazijiet ta' tkeccija ngusta, kif jinghad fl-Artikolu 75 tal-Kap. 452, hija donnha

twarrab il-fatt li l-istess Kap. 452 jaghti definizzjoni ta' tkeccija ngusta. Dan kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjeta` konvenuta appellata u mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jaghmel distinzjoni bejn kuntratt t'impieg ghal terminu ta' zmien fiss u wiehed ghal zmien indefinit. Tant hu hekk li fl-istess tifsira ta' "*tkeccija ingusta*" jinghad:

> *"tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser -*
>
> *(a)* ***it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit*** *(barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l- Att, jew*
>
> *(b) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew*
>
> *(ċ) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu;"*

Kwindi ladarba kuntratt ta' impieg ghal terminu ta' zmien fiss ma jaqax taht id-definizzjoni ta' tkeccija ngusta li hemm fil-Kap. 452, huwa ritenut li l-Artikolu 75(1)(a) ma japplikax ghall-kuntratti ta' zmien fiss. Mill-provi in atti lanqas jirrizulta li l-kaz in ezami jaqa' taht il-kazijiet li jissemmew taht il-paragrafi (b) u (c) tal-istess tifsira. Relevanti f'dan is-sens hija s-sentenza recenti ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-25 ta' Jannar 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Waldemar David Galea v. L-Università ta' Malta,** fejn filwaqt li dik il-Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 75(1)(a) tal-Kap.452, l-istess Qorti ezaminat ukoll l-interpretazzjoni wara l-Artikolu 75(1)(b) tal-istess Kap. 452 u dan

fid-dawl tas-sentenza citata kemm mill-ewwel Qorti, kif ukoll miz-zewg kontendenti f'din il-kawza, ta' **Rita Nehls v. Sterling Travel and Tourism Limited** u qalet hekk fir-rigward:

> *"Saret riferenza ghas-sentenza Nehls v Sterling Travel and Tourism Limited li din il-qorti tat-23 ta' Frar, 2005. Dak il-kaz kien ukoll jikkoncerna impieg b'terminu fiss. Fih il-qorti ezaminat jekk it-Tribunal Industrijali kellux gurisdizzjoni taht paragrafu (b) tal-artikolu 75(1). Għalkemm hu minnu li kif qalet dik il-qorti d-definizzjoni ta' 'tkeccija ingusta' giet amplifikata minn kif kienet id-disposizzjoni qabel it-tibdil li sar bil-Kap. 452, madankollu mid-disposizzjoni hu ovvju li ma gietx amplifikata biex tinkludi tkeccija minn impieg b'terminu fiss*
>
> *"12. Kien taht paragrafu (b) li f'dik is-sentenza din il-qorti waslet biex tghid li t-Tribunal Industrijali ghandu l-kompetenza sabiex jiddeciedi l-kaz. Konklużjoni li jidher li waslet għaliha ghaliex:*
>
> > *"Jidher manifestament minn din id-dikjarazzjoni illi l-appellata kienet qed tinvoka d-dispost ta' l-Artikolu 36 tal- Kapitolu 452 raffigurat taht Taqsima V - Temm ta' Kuntratti ta' Servizz, hekk formanti parti minn Titolu I ta' l-Att li ghalih jirreferi s-subinciz (b) ta' l-Artikolu 75".*
>
> "*13. Paragrafu (b) ma jghidx li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni fil-kazijiet kollha li jissemmew f'Titolu I, izda biss "(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu". Dwar din id-disposizzjoni il-qorti taqbel mar-ragunament tal-appellanti (ara pagni 7-9 tar-rikors tal-appell). F'Titolu I tal-Kap. 452 jissemmew espressament il-kazijiet fejn wiehed ghandu jfittex rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali (ara artikolu 30 tal-Kap. 452). Fir-rigward ta' kazijiet ohra, inkluz dawk li jissemmew f'artikolu 36(11) u (14) it-Tribunal Industrijali ma jissemmiex. Fit-Titolu I huma identifikati kazijiet fejn l-ilment ghandu jsir quddiem it-Tribunal Industrijali, u l-qorti tifhem paragrafu (b) tal-artikolu 75(1) fis-sens li qieghed jirreferi ghal dawk il-kazijiet biss u mhux ghal kull kaz li jista' jinqala' fejn tapplikax xi disposizzjoni taht Titolu I tal-Kap. 452. Il-qorti hekk biss tista' tifhem il-kliem 'li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I'.*
>
> *"14. Il-qorti zzid li jekk il-legislatur kellu l-intenzjoni li kull kaz li jaqa' taht Titolu I tal-Att ikun fil-gurisidizzjoni tat-Tribunal Industrijali, il-qorti tifhem li f'paragrafu (b) tal-artikolu 75 kien jinghad espressament li t-Tribunal Industrijali ghandu l-kompetenza esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha*

> *li jaqghu taht Titolu I tal-Att, u mhux il-kazijiet li "jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I".*
>
> *"15. Hu minnu li l-artikolu 75(1) ikompli li r-rimedju ghall-impjegat imkecci jew "li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta' dan l Att" hu biss quddiem it-Tribunal Industrijali. Pero' dawk il-kliem iridu jigu applikati b'mod li ma jgibux fix-xejn paragrafu (b) tal-istess disposizzjoni."*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 75(1)(b) tal-Kap. 452, liema interpretazzjoni tinsab assodata wkoll fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Karmenu Vella v. General Workers' Union,** fejn inghad ukoll li kieku kellha tinghata nterpretazzjoni mod iehor, anke s-subartikolu (1)(a) tal-Artikolu 75 kien ikun superfluwu u kwindi mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I, jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Kif gustament josserva l-attur appellant fir-rikors tal-appell tieghu, ladarba l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hija biss eccezzjoni ghall-gurisdizzjoni generali u aktar wiesgha ta' dawn il-Qrati, l-imsemmija gurisdizzjoni specjali mnissla mill-provvedimenti ta' ligi specjali, m'ghandhiex tithalla tohrog lil hinn mil-limiti stretti li huma mahsuba f'dik il-ligi specjali. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Doris Camilleri v. St. Paul's Court Limited et.**).

Hekk ukoll kif ritenut drabi ohra mill-qrati taghna, s-setgha tal-Qorti hekk imsejha "ordinarja", li tisma' kawza mressqa quddiemha tibqa'

sakemm ma jirrizultax li dik is-setgha giet imnehhija b'mod espress permezz ta' provvediment tal-ligi. Ezempju car huma r-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz ghal Terminu ta' Zmien Fiss (L.S.452.81), li jipprovdu specifikatament li l-ilmenti ghal dawk il-kazijiet fejn il-principal ikun kiser id-dritt moghti lilu b'dawk ir-regolamenti (bhal per ezempju l-principju generali ta' non-diskriminazzjoni taht ir-regolament numru 4), ghandhom jitressqu quddiem it-Tribunal Industrijali (regolament 8). Kwindi ghalkemm dawk ir-regolamenti dwar kuntratti ta' servizz ghal terminu fiss, dahlu fis-sehh wara s-sena 2007, lanqas jipprovdu ghall-kompetenza tat-Tribunal Industrijali fil-kaz partikolari ta' tkeccija minn impieg fiss jew ghat-talba ghall-hlas ikkontemplat fl-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452.

Isegwi li l-attur appellant ghandu ragun fl-aggravju tieghu u ssib li l-ewwel Qorti zbaljat fl-interpretazzjoni taghha u fl-applikazzjoni tal-ligi. Ghalhekk din il-Qorti ghar-ragunijiet hawn appena spjegati, ma taqbilx mal-asserzjoni tas-socjeta` appellata, in kwantu minn qari tal-provvedimenti tal-Kap. 452, l-kazijiet ta' tkeccija ngusta f'kuntratt ghal terminu ta' zmien fiss, ma jaqghux fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Kif lanqas ma jirrizulta li jaqghu azzjonijiet taht l-Artikolu 36(11) tal-Kap. 452 jew stharrig ta' raguni tajba u bizzejjed li jezenta lill-principal mill-obbligu tal-hlas mahsub taht l-Artikolu 36(14) tal-Kap. 452. Kwindi din il-Qorti ser tirrimanda l-atti lill-ewwel Qorti

sabiex tkompli bis-smigh tal-provi tal-kawza, u tistharreg il-pretensjonijiet tal-attur, fid-dawl tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cioè jekk kienx hemm raguni tajba u bizzejjed li jezentawha milli twettaq il-hlas pretiz mill-attur.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, filwaqt li tilqa' l-appell tal-attur Joseph Avellino, u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Gunju, 2014, fl-ismijiet premessi, minflok tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Citadel Insurance plc dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni *ratione materiae* tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili milli tkompli tisma' dan il-kaz.

Tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Ewwel Qorti.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr